**MALTA**

**Fit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**
**Magistrat**
**Dr.Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 70/12VG**

**XX**

**Vs**

**Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**

**Illum 5 ta' Novembru 2015**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ipprezentat minn XX quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, in segwitu trasferit ghal quddiem dan it-Tribunal, permezz ta' liema jitlob li ghandha tigi koncessa lilu refuzjoni tat-taxxa fuq il-valur mizjud minnu mhallsa fuq oggetti kapitali stante li r-referenza ghal *Input Tax* fil-Partita 4 tat-Tnax-il Skeda ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, Att XXIII ta' l-1998, ma tinkludix it-taxxa fuq il-valur mizjud imhallsa fuq oggetti kapitali u ghalhekk l-imsemmija Skeda ma tapplikax ghat-talba minnu avvanzata lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud izda minn dan michuda b'ittra datata 13 ta' Marzu 2002;

Ra d-dokument anness mar-Rikors promotur, ossia l-ittra tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud datata 13 ta' Marzu 2002;

Ra r-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud permezz ta' liema jopponi ghat-talba tar-Rikorrent u jitlob li l-istess tigi michuda, bl-ispejjez kontra r-Rikorrent, stante li: (a) in linea preliminari l-appell huwa irritu u null stante li r-Rikorrent uza l-Formula A u mhux il-Formula B kif mehtieg ai termini tar-Regola 13(1) ta' l-Avviz Legali 16 ta' l-1999 stante li huwa mhux qed jappella minn stima ta' taxxa mahruga kontra tieghu, f'liema kaz kienet tkun mehtiega l-Formula A ai termini tar-Regola 10(1) ta' l-Avviz Legali 16 ta' l-1999, izda qed jappella minn decizjoni moghtija mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud bl-ittra datata 13 ta' Marzu 2002; (ii) subordinatament u bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni preliminari, it-

talba originali tar-Rikorrent lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud teccedi l-limitu ta' 5% ta' l-*Input Tax* li jista' jigi korrett skond ir-Regola 4(1)(b) tat-Tnax-il Skeda ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ta' l-1998; u (iii) it-talba originali tar-Rikorrent lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud saret oltre t-terminu preskritt fil-Ligi, senjatament fil-Partita 7(2) tat-Tnax-il Skeda ta' l-imsemmi Att, ta' sitt xhur mit-tmiem taz-zmien tat-taxxa biex isir l-aggustament in kwantu z-zmien ta' taxxa in kwistjoni kien mill-1 ta' Jannar 1999 sat-30 ta' Settembru 1999 u t-talba tar-Rikorrent lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud saret permezz ta' ittra datata 7 ta' Marzu 2002, jigifieri sentejn u nofs wara t-tmiem taz-zmien ta' taxxa;

Ra li waqt is-seduta tat-3 ta' Dicembru 2002[1] il-partijiet iddikjaraw li ma ghandhomx provi dwar il-fatti ta' dan il-kaz peress illi l-kwistjoni hija iktar wahda ta' natura legali u ghalhekk talbu zmien ghall-prezentata ta' Noti ta' Sottomissjonijiet b'dokumenti annessi magghom in sostenn tas-sottomissjonijiet minnhom rispettivament imressqa;

Ra n-Nota ta' Sottomissjonijiet tar-Rikorrent u d-dokumenti annessi maghha markati Dok. "GS1" sa' Dok. "GS4", ipprezentati fit-3 ta' Dicembru 2012 a fol. 14 sa' 21 tal-process;

Ra n-Nota ta' Sottomissjonijiet tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) u d-dokumenti annessi maghha markati Dok. "A" sa' Dok. "C" a fol. 24 sa' 31 tal-process;

Ra l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidra:**

Bil-proceduri odjerni r-Rikorrent jitlob li ghandha tigi koncessa lilu refuzjoni tat-taxxa fuq il-valur mizjud minnu mhallsa fuq oggetti kapitali stante li r-referenza ghal *Input Tax* fil-Partita 4 tat-Tnax-il Skeda ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, Att XXIII ta' l-1998, ma tinkludix it-taxxa fuq il-valur mizjud imhallsa fuq oggetti kapitali u ghalhekk l-imsemmija Skeda ma tapplikax ghat-talba minnu avvanzata lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u minn dan michuda b'ittra datata 13 ta' Marzu 2002.

Mill-provi dokumentarji prodotti mill-partijiet kontendenti jirrizulta s-segwenti:

- Ir-Rikorrent kien mela u ssottometta lid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud id-denunzja ghall-perijodu ta' taxxa 01/01/1999 sa'

[1] Fol. 13 tal-process.

30/09/1999 fejn iddikjara l-valuri in kwantu rigwarda *Output Tax* u *Input Tax*[2];

- B'ittra datata 19 ta' Frar 2002, Joseph Sammut ghan-nom tar-Rikorrent gharraf lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud li *kindly note that during the year 1999 Mr. Sant bought a commercial vehicle which by error was not included in his Vat Return. Attached please find copy of the Vat Return sent to your office and a copy of the Tax Invoice re vehicle purchased* u talbu sabiex *kindly amend return as indicated*[3];
- B'ittra datata 13 ta' Marzu 2002 il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud gharraf lil Joseph Sammut ghan-nom tar-Rikorrent li *a request for correction to a Tax Return that has already been submitted to the Department has to satisfy two (2) requisites.* ***1. It has to be submitted within six (6) months from the end date of the Tax period in question. 2. The correction cannot exceed five per centum (5%) of the value of the item/entry about which the request for correction is being made***[4]. *Since your request does not satisfy neither requisite 1 nor requisite 2, it is regretted that correction cannot be effected. Vide* ***(Items 4(1) and 7(2) of the Twelfth Schedule to the Act) and Section 28 and 32***. ***May I remind you that if you feel aggrieved by this decision, you may lodge an appeal as per Section 43 part 5 of the Vat Act***[5];
- In segwitu ghal dik l-ittra r-Rikorrent ipprezenta l-proceduri odjerni.

Minn dan jirrizulta ghalhekk li l-kwistjoni centrali tal-kaz in ezami tittratta dwar id-dritt o meno tar-Rikorrent li jottjeni korrezzjoni tad-denunzja tieghu ghall-perijodu ta' taxxa 01/01/1999 sa' 30/09/1999 biex tigi inkluza f'dik id-denunzja l-*Input Tax* relattiva ghall-vettura li huwa akkwista fl-1999.

L-Intimat jopponi ghat-talba avvanzata mir-Rikorrent b'dawn il-proceduri in bazi ghas-segwenti eccezzjonijiet: (a) in linea preliminari l-appell huwa rritu u null stante li r-Rikorrent uza l-Formula A u mhux il-Formula B kif mehtieg ai termini tar-Regola 13(1) ta' l-Avviz Legali 16 ta' l-1999 stante li huwa mhux qed jappella minn stima ta' taxxa mahruga kontra tieghu, f'liema kaz kienet tkun mehtiega l-Formula A ai termini tar-Regola 10(1) ta' l-Avviz Legali 16 ta' l-1999, izda qed jappella minn decizjoni moghtija mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud bl-ittra datata 13 ta' Marzu 2002; (ii) subordinatament u bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni preliminari, it-talba originali tar-Rikorrent lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud teccedi l-limitu ta' 5% ta' l-*Input Tax* li jista' jigi korrett skond il-Partita 4(1)(b) tat-Tnax-il Skeda ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ta' l-1998; u (iii) it-talba originali

---

[2] Dok. "GS2" a fol. 18 tal-process u mill-gdid a fol. 27 tal-process.

[3] Dok. "GS3" u Dok. "GS4" a fol. 19 u 20 tal-process u mill-gdid Dok. "A" a fol. 26 tal-process.

[4] Enfasi tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud.

[5] Dok. "GS5" a fol. 21 tal-process u mill-gdid Dok. "B" a tergo tal-fol. 27 tal-process. Enfasi tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud.

tar-Rikorrent lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud saret oltre t-terminu preskritt fil-Ligi, senjatament fil-Partita 7(2) tat-Tnax-il Skeda ta' l-imsemmi Att, ta' sitt xhur mit-tmiem taz-zmien tat-taxxa biex isir l-aggustament in kwantu z-zmien ta' taxxa in kwistjoni kien mill-1 ta' Jannar 1999 sat-30 ta' Settembru 1999 u t-talba tar-Rikorrent lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud saret permezz ta' ittra datata 7 ta' Marzu 2002, jigifieri sentejn u nofs wara t-tmiem taz-zmien ta' taxxa.

Minn ezami ta' l-atti processwali u b'mod partikolari tan-Noti ta' Sottomissjonijiet ipprezentati mill-partijiet kontendenti, senjatament in-Nota ta' Sottomissjonijiet tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud), jidher li l-Intimat mhux qed jinsisti più di tanto fuq l-eccezzjoni preliminari ta' l-irritwalità u nullità tal-proceduri minnu sollevata. In effetti ma jsir l-ebda accenn ghal tali eccezzjoni preliminari izda, peress illi l-istess ma gietx formalment irtirata u b'hekk rinunzjata mill-Intimat it-Tribunal ihoss li ghandu jittratta u jiddetermina l-istess.

Essenzjalment l-Intimat jikkontendi li l-proceduri istitwiti mir-Rikorrent huma rriti u nulli ghaliex dawn gew istitwiti permezz tal-Formula A li hija, jew ahjar, kienet il-formula mehtiega ai termini tal-Ligi meta jigi intavolat quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud appell minn stima a tenur ta' l-Artikolu 43 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u mhux permezz tal-Formula B li kienet il-formula mehtiega ai termini tal-Ligi meta ssir referenza lill-Bord ta' l-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud a tenur ta' l-Artikolu 44 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud dwar kwistjoni li t-*taxpayer* ghandu mal-Kummissarju.

Bhala fatt il-Ligi kif applikabbli fiz-zmien meta gew istitwiti dawn il-proceduri kienet tipprovdi s-segwenti: ***appell minn stima ghandu jsir b'Rikors fuq il-Formula A***[6] *li hemm fl-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti u ghandu jkun iffirmat mill-appellant jew l-agent tieghu* – Regolament 10(1) ta' l-Avviz Legali 16 ta' l-1999 u ***appell lill-Bord li jkun jikkonsisti f'referenza ta' kwistjoni lill-Bord maghmul minn persuna li ma hijiex il-Kummissarju ghandu jsir b'Rikors fuq il-Formula B***[7] *li hemm fl-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti u ghandu jkun iffirmat mill-appellant jew l-agent tieghu* – Regolament 13(1) ta' l-Avviz Legali 16 ta' l-1999.

Fil-kaz in ezami huwa ferm evidenti li mhux qed isir appell minn stima izda qed issir referenza dwar kwistjoni li r-Rikorrent ghandu mal-Kummissarju, konsistenti din fit-talba ghall-korrezzjoni tad-denunzja ghall-perijodu ta' taxxa 01/01/1999 sat-30/09/1999 ghall-fini li jizdied l-*Input Tax* relattiva ghal vettura minnu akkwistata fl-1999, liema ammont ma tnizzilx fid-denunzja bi zvista. B'hekk strettament ir-Rikorrent kellu jistitwixxi l-proceduri tieghu a

---

[6] Enfasi tat-Tribunal.
[7] Enfasi tat-Tribunal.

bazi tal-Formula B u mhux a bazi tal-Formula A izda, mill-ittra tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud datata 13 ta' Marzu 2002, bis-sahha ta' liema giet michuda t-talba tar-Rikorrent ghall-korrezzjoni tad-denunzja ghall-perijodu ta' taxxa 01/01/1999 sat-30/09/1999 bil-mod kif minnu mitlub, jirrizulta li r-Rikorrent – jew ahjar ir-rapprezentant tieghu – gie dirett sabiex *if you feel aggrieved by this decision, you may lodge an appeal as per* ***Section 43 part 5 of the Vat Act***, liema artikolu tal-Ligi fiz-zmien rilevanti kien jipprovdi appuntu li *kull persuna li thoss ruhha aggravata bi stima li tigi notifikata lilha tista' taghmel appell kontra dik l-istima lill-Bord ta' l-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud*, liema appell skond ir-Regolamenti appena citati ghandu jsir fuq il-Formula A.

B'hekk huwa evidenti li kien il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud stess li, tramite r-rapprezentant tieghu, sgwida lir-Rikorrent u inducih fl-izball li jistitwixxi l-proceduri odjerni a bazi tal-Formula A minflok il-formula korretta, Formula B. Fid-dawl ta' tali fatt it-Tribunal jaghmel referenza ghal dak osservat mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) f'sitwazzjoni simili, fejn appell minn stima gie pprezentat fuq il-Formula B flok fuq il-Formula A, fis-sentenza fl-ismijiet **A.B. v. Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**, **Kawza Nru. 136,** deciza fit-22 ta' Gunju 2005.[8]

Fl-imsemmija sentenza l-Qorti ta' l-Appell osservat illi: *ma jidhirx li hu disputat illi l-appell introdott quddiem il-Bord ta' l-Appell sar fuq Formula B. Lanqas ma jidher li hu kontestat illi fl-ewwel seduta tat-3 ta' Awwissu 2004, ir-rapprezentant ta' l-appellant kien issolleva b'eccezzjoni n-nullità skond paragrafu 6(1) tad-Disa' Skeda minhabba li ma saretx referenza mill-appellat lill-Kummissarju qabel ma sar l-appell u li in oltre kien issottometta wkoll illi l-appell kontra stima suppost sar fuq il-Formula A. Jibda biex jigi osservat illi l-Avviz Legali 16 ta' l-1999 li ghalih jirreferi l-Kummissarju appellant jipprovdi kif ghandha ssir l-applikazzjoni minn min kien intenzjonat jappella mid-decizjoni tal-Kummissarju. Hekk Regolament 10(1) tieghu jipprovdi li appell minn stima ghandu jsir b'rikors fuq il-Formula A mentri skond ir-Regolament 13(1) li mieghu hu abbinat l-Artikolu 44 ta' l-Att XXIII ta' l-1998, meta tqum kwistjoni li ma tkunx stima, l-appell ghandu jsir b'rikors fuq il-Formula B. Jinsab provdut ukoll illi appell lil Bord mill-Kummissarju konsistenti f'referenza ta' kwistjoni ghandha ssir fuq il-Formula C [Regolament 13(3)]. Huwa desumibbli minn dawn ir-regolamenti illi l-ligi riedet li r-rikors ta' l-appell, skond il-kaz, isir fuq il-formula preskritta. Issa huwa veru li dawn l-istess regolamenti ma jghidux espressament li l-konsegwenza tan-nuqqas ta' osservanza taghhom tigi tradotta fin-nullità ta' l-appell, imma, trattandosi ta' modalità ta' procedura statwita mill-ligi f'termini kategorici, l-inosservanza taghhom fil-fehma tal-Qorti u in linea ta' principju generali, tiffrustra certament l-iskop car li ghalih il-ligi ppreskrivithom. Li jfisser illi la l-ligi ordnat dak il-mod ta'*

[8] Decisions of the Court of Appeal, Vol. 3, pg. 165.

*procedura ghal dak l-iskop ghandu jitqies li, implicitament, kienet qed tipprjobixxi li l-appellant quddiem il-Bord jaghzel mod iehor jew ma josservax dak preskritt. Tezisti gurisprudenza li tirritjeni illi meta si tratta ta' normi ta' procedura "mediante un convenzionismo di forma, non si deve ammettere altra interpretazione che la letterale nel senso che dove la legge per produrre certi effetti prescrive una certa forma, questa si debba osservare alla lettera e non per equipollens" (Kollez. Vol. XVIII pI p19; Kollez Vol. XLIX pI p421; "Avv. Dr. Joseph A. Schembri nomine v. Joseph Said" Appell Civili 23 ta' Jannar 1985). Gie wkoll enuncjat illi "hu minnu li llum il-formalizmu rigoruz fil-procedimenti gudizzjarji mhuwiex imhaddan mill-gurisprudenza; izda l-inosservanza tal-precetti tassattivi tal-ligi procedurali lanqas ma tista' tkun tollerata minghajr konsegwenzi kaotici u dizastruzi" (Kollez. Vol. XLI p1 p137). Eppure gie wkoll ritenut illi anke fejn il-formalitajiet ma jigux osservati bl-akbar reqqa, kien jokkorri li "l-Qorti, aktar mil-legalizmu u l-formalizmu thares lejn dak li hu skond il-haqq u s-sewwa, lejn il-gustizzja sostanzjali, xi drabi wkoll, fejn jinhtieg, moderata bil-principju ta' l-ekwità li wisq tajjeb giet imfissra bhala "la giustizzia del dato caso" – "Carmelo Meli v. Anthony Sammut et" Appell Kummercjali, 22 ta' Dicembru 1970. ... ex facie s-sottomissjonijiet tal-Fondazzjoni appellata, din kienet effettivament qed tikkontesta l-istima ta' l-appellant u allura stricto jure kellha taghmel uzu mill-Formula A billi din kienet il-formula indikata skond Regolament 10(1) ta' l-Avviz Legali precitat. ... Anke kieku però din il-Qorti kellha tikkonsidra, in bazi ghal dak espost supra, illi l-appell kien karenti ghax ma segwiex id-dettami tar-Regolament 10 fir-rigorozità kollha tieghu, l-istess din il-Qorti ma tarax ghaliex, una volta li l-Bord kien, bhala kostituzzjoni ta' fatt, sodisfatt mill-ispjega fornita mill-Fondazzjoni appellata illi din giet gwidata hazin mill-ufficjali tad-Dipartiment, dwar dak li kellha taghmel biex tikkontesta l-istima, u fil-fatt inghatat il-Formula B flok dik A. Din l-ispjgazzjoni ta' l-appellat ma gietx kontrastata mill-appellant, u l-Bord accettaha bhala plawsibbli, verosimili u gustifikattiva.* ***Jista' forsi jigi argomentat illi l-Fondazzjoni appellata kienet zbaljata ghaliex kellha strettament tosserva l-kliem tal-ligi, però, daqstant iehor, jista' jigi sostenut illi l-kaz taghha, stante c-cirkostanzi partikolari straordinarji, il-formalizmu solenni impost mill-ligi ma kellux ghaldaqshekk itellifha mid-dritt ta' l-appell, gjaladarba wkoll giet misgwidata u ndotta fi zball fl-uzu tal-formula li kellha tadotta. F'dan il-kuntest din il-Qorti, bhal Bord qabilha, tippropendi lejn l-ekwità aktar milli versu r-rigorozità[9].***

Fil-fehma tat-Tribunal dak osservat mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza appena citata japplika ghall-kaz in ezami wkoll stante li, jigi ribadit, mill-atti kjarament jirrizulta li fl-ittra tat-13 ta' Marzu 2002 il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, tramite r-rapprezentant tieghu, gharraf lil

[9] Enfasi tat-Tribunal.

Joseph Sammut, rapprezentant tar-Rikorrent, li *if you feel aggrieved by this decision, you may lodge an appeal as per **Section 43 part 5 of the Vat Act*** – liema appell jigi intavolat bil-Formula A u mhux bil-Formula B.

Anke kieku stess ma kienx hemm tali tgharif zbaljat moghti mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud dwar taht liema artikolu tal-Ligi, u kwindi b'liema Formula seta' jigi introdott appell mid-decizjoni tieghu dwar it-talba tar-Rikorrent ghall-korrezzjoni tad-denunzja tieghu ghall-perijodu ta' taxxa 01/01/1999 sat-30/09/1999, il-fatt li r-Rikorrent intavola l-proceduri odjerni bil-formula zbaljata xorta wahda ma ghandux iwassal ghan-nullità tal-proceduri ghaliex kif osservat mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza appena citata u rribadit fis-sentenza fl-ismijiet **A.B. v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, Rik. Nru. 7/06** deciza fit-28 ta' Frar 2007: *il-gudizzju fiskali hu instawrat formalment bhala gudizzju ta' impunjazzjoni tad-decizjoni tal-Kummissarju. **L-att li jaghti access ghal dan il-gudizzju hu allura wiehed mahsub biex jikkontesta l-mertu ta' din id-decizjoni, b' mod li tithares aktar l-esigenza ta' l-effettiva tutela tat-taxpayer. Dan ma ghandu qatt jintilef di vista. Spiss drabi l-Qrati hassew in-necessità li jfakkru li aktar mil-legalizmu u l-formalizmu l-qorti ghandha thares lejn dak li hu skond il-haqq u sewwa, osija lejn il-gudizzju sostanzjali**[10]. Ara a propozitu "Xuereb utrinque", Qorti tal-Kummerc, 2 ta' Jannar 1883, "Salvatore Tonna -vs- Carmelo Chetcuti et", Appell Kummercjali, 16 ta' Novembru 1934 u "Carmelo Meli -vs- Anthony Sammut et", Appell Kummercjali, 22 ta' Dicembru 1970, fost bosta ohrajn. Irrikonfermatu wkoll din il-Qorti, kif presjeduta, fid-decizjoni taghha "Oasi Foundation -vs- il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud", 22 ta' Gunju 2005, fejn incidentalment ukoll giet dibattuta kwestjoni konsimili dwar liema formula kellha tigi adoperata mill-Fondazzjoni appellant. Dan kollu qed jigi rilevat ghaliex, fil-hsieb tal-Qorti, il-Bord ma kellux leggerment jitratta d-difformita ta' l-att promotur mill-appellanti bhala kostitwenti xi ostakolu insormontabbli ghar-realizzazzjoni tal-process fiskali jew li jwassal ghall-inficjar tal-validità ta' l-appell minhabba dak il-vizzju formali ta' att introduttiv, li, del resto, l-istess ligi fiskali ma tikkomminax b' nullità. Kif inhu maghruf, il-ligijiet ilhom progressivament jirrifuggu minn dik is-sitwazzjoni fejn kien isaltan is-summum jus u fejn l-ittra rigida u formali tal-ligi kienet tipprevali fuq is-sustanza. Dan assistejna ghalih fl-emendi storici ghal Kodici ritwali civili bl-Att XXIV ta' l-1995 u li l-imhallef sedenti ghandu l-unur jikkonferma li kien kompartecipi fihom. Hekk il-Qorti ma tistax tonqos li tattira l-attenzjoni ghal fatt illi t-termini ta' l-Artikolu 175 ghall-korrezzjoni ta' l-iskrittura twessghu, bis-sahha ta' l-emendi introdotti fih sal-punt li l-Qorti tista' tawtorizza "s-sostituzzjoni ta' xi att" jew tibdiliet fih jew "billi jissewwa kull zball iehor". Lanqas ma ghandu mbaghad jintnesa dak provvdut fl-Artikolu 789 ta' l-istess Kapitolu 12 li jassoggetta l-eccezzjoni*

[10] Enfasi tat-Tribunal.

*tan-nullità minhabba vjolazzjoni tal-forma ghal konsiderazzjoni illi tali eccezzjoni lanqas tkun akkonsentita "jekk dan in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistghu jissewwew taht kull disposizzjoni ohra tal-ligi", li, naturalment, tinkludi anke l-Artikolu 175 surreferit. Meta dan hu hekk fil-proceduri sagramentali quddiem il-Qrati kemm izjed, jew ghallanqas ugwalment, ghandu jkun hekk il-kaz fis-sistema kontenzjuza fiskali quddiem il-Bord.*

Fid-dawl ta' dan kollu ghalhekk it-Tribunal jichad l-eccezzjoni tan-nullità tal-proceduri odjerni sollevata mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud in linea preliminari.

Trattata din il-kwistjoni t-Tribunal ser jghaddi biex jittratta t-talba tar-Rikorrent fid-dawl ta' l-eccezzjoni l-ohra sollevata mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, ossia li tali talba ma tistax, u qatt ma setghet, tigi milqugha ghaliex: (i) teccedi l-limitu ta' 5% ta' l-*Input Tax* li jista' jigi korrett a tenur tar-Regola 4(1)(b) tat-Tnax-il Skeda ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att XXIII ta' l-1998); u ghaliex (ii) fi kwalunkwe kaz tali talba setghet issir biss fi zmien sitt xhur mit-tmiem taz-zmien tat-taxxa li dwaru jintalab l-aggustament u dan skond ir-Regola 7(2) ta' l-imsemmija Tnax-il Skeda ta' l-Att.

Huwa evidenti li l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud cahad it-talba tar-Rikorrent u ghadu tutt' ora jikkontesta t-talba li tressqet ghall-konsiderazzjoni tat-Tribunal in bazi ghal dak provdut fir-Regola 4 u fir-Regola 7 tat-Tnax-il Skeda ta' l-Att XXIII ta' l-1998 kif applikabbli fiz-zmien li fih saret it-talba ghall-korrezzjoni fid-denunzja ghall-perijodu ta' taxxa 01/01/1999 sat-30/09/1999.

L-imsemmija provvedimenti tal-Ligi jistipulaw illi: *meta persuna registrata, f'denunzja ghal zmien ta' taxxa maghmula lill-Kummissarju ... jiddikjara l-kreditu ghal input tax biz-zejjed jew bin-nieqes u dak iz-zejjed jew in-nieqes* ***ma jkunx ta' iktar minn hamsa fil-mija tal-kreditu ghal input tax dikjarat f'dik id-denunzja***[11], *hija tkun tista' taghmel aggustamenti fil-Kont ta' Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghaz-zmien ta' taxxa li matulu jkun gie skopert id-dikjarazzjoni biz-zejjed jew bin-nieqes permezz ta' tnaqqis jew ta' zieda ma' l-ammont totali ghal dak iz-zmien ta' taxxa tat-taqsima ta' out put tax u/jew it-taqsima ta' input tax, skond il-kaz, u l-output tax u l-input tax, ghal dak iz-zmien ghandhom jitqiesu li jkunu l-ammonti totali rispettivi taghhom kif aggustati. Ma jista' jsir ebda aggustament skond il-paragrafu (1) ta' din il-partita hlief meta d-dikjarazzjoni biz-zejjed jew bin-nieqes ta' output tax jew input tax tirrizulta b'konsegwenza ta' zball tal-persuna taxxabbli* [Regola 4(1)(b) u (2)] u ***ma jista' jsir ebda aggustament skond il-partita 4 jew 5 ta' din l-Iskeda fil-Kont tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghal xi zmien ta' taxxa li jkun jibda iktar tard minn***

[11] Enfasi tat-Tribunal.

***sitt xhur wara t-temma taz-zmien ta' taxxa li ghar-rigward tieghu output tax jew kreditu ghal input tax relattivi jkun gie dikjarat biz-zejjed jew bin-nieqes***[12].

Ir-Rikorrent jirribatti ghall-posizzjoni adottata mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud bil-kontestazzjoni li *l-imsemmija Tnax-il Skeda ma tirreferix ghal spejjez ta' natura kapitali. Partita 4(1)(b) tirreferi ghal "input tax biz-zejjed jew bin-nieqes" izda tonqos milli tinkludi spejjez ta' natura kapitali b'mod specifiku. Jidher evidenti li l-legislatur ried jeskludi l-ispejjez ta' natura kapitali. Meta l-legislatur xtaq jirregola l-ispejjez ta' natura kapitali huwa ghamel dan b'mod specifiku u dirett. Issa meta wiehed jitkellem dwar spejjez ta' natura kapitali, irid jinghad li dawn, kuntrarju ghal xiri jew spejjez rikorrenti, ma jkunux regolari; anzi jkunu rari u f'ammonti konsiderevoli; li prattikament ifisser li QATT ma tista' ssir korrezzjoni ta' denunzja fuq spejjez kapitali ghaliex jekk l-ispiza originarjament ma gietx dikjarat u hamsa (5) fil-mija ta' "zero" huwa "zero", isegwi matematikament li ebda spiza kapitali ma tista' qatt tkun korretta. Isegwi b'mod illogiku u legalment pervers illi jekk mill-banda l-ohra, taxpayer ikun bi zball iddenunzja spiza kapitali li fil-fatt qatt ma kienet saret, dan ikollu idejh marbuta li ma jista' qatt jikkoregi d-denunzja bis-sogru li jew ikun l-Appellat Direttur Generali (VAT) li jaqbdu f'xi investigazzjoni jew inkella d-dikjarazzjoni zbaljata tibqa' ghaddejja u t-taxpayer jispicca japproprja ruhu minn flus mhux dovuti bil-konsegwenzi legali u kriminali li tali sitwazzjoni ggib maghha. Zgur li ma kienitx din l-intenzjoni tal-legislatur. Fil-fatt permezz ta' legislazzjoni fis-sena 2003 l-Att gie emendat u Art 28 minn dak iz-zmien beda jahseb sabiex korrezzjoni li ma setghetx issir taht il-parametri stabbilit tal-"<5 fil-mija u tas-sitt xhur" tkun tista' ssir billi ssir talba specifika lid-Direttur Generali (VAT) u jkun id-Direttur Generali (VAT) stess li imbaghad jghaddi biex jaghmel il-korrezzjoni mitluba. U hekk beda jaghmel sens.*

Fil-fehma tat-Tribunal il-kontestazzjoni tar-Rikorrent kif minnu esposta fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tieghu ma hijiex ghal kollox pertinenti u rilevanti ghall-kaz in ezami ghar-raguni li fl-ewwel lok il-Ligi titkellem dwar *Input Tax* minghajr distinzjoni ghal dak li jirrigwarda l-Kapital u kwalunkwe xiri iehor u fi kwalunkwe kaz fiz-zmien rilevanti, ossia fl-1999 u anke fl-2002 meta r-Rikorrent avvanza t-talba ghall-korrezzjoni tad-denunzja tieghu ghall-perijodu ta' taxxa 01/01/1999 sat-30/09/1999, il-Ligi dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud kienet tikkoncedi *Input Tax* fir-rigward tas-segwenti vetturi, ghaliex fl-ahhar mill-ahhar il-kaz in ezami jittratta dwar *Input Tax* relattiva ghal vettura akkwistata mir-Rikorrent: *vetturi bil-mutur, bastiment u ajruplani akkwistati minn persuna u li jintuzaw minnha bil-ghan ta' transport ta' oggetti jew passiggieri b'kumpens; vetturi bil-mutur akkwistati minn persuna bil-ghan li jigu provduti minnha ghall-kiri bi driver jew ghall-kiri self-drive, jew li jigu*

---

[12] Enfasi tat-Tribunal.

*uzati fit-taghlim tas-sewqan, sakemm dawn jigu hekk uzati, f'kull kaz, fil-kors normali ta' l-attività ekonomika ta' dik il-persuna; vetturi bil-mutur li jkunu mahsuba primarjament ghall-garr ta' oggetti b'postijiet biex jigu okkupati hdejn ix-xufier biss u li normalment ma jkunux xierqa ghat-trasport tal-passiggieri, jew b'aktar minn disa' postijiet biex jigu okkupati*[13].

B'hekk ladarba l-Ligi kienet – u del resto ghadha sa' llum[14] – tikkoncedi *Input Tax* fuq vetturi kummercjali, trattandosi l-kaz in ezami ta' vettura li r-Rikorrent akkwista fl-1999 huwa jista' jitlob l-*Input Tax* fuqha taht il-kappa tal-vetturi kummerjcali, dement naturalment li tali vettura hija vettura kummercjali, minghajr ma jehtieg jitlobha taht xi kappa ohra.

Detto ciò, ma jfissirx li t-talba tar-Rikorrent ghall-korrezzjoni tad-denunzja tieghu ghall-perijodu ta' taxxa 01/01/1999 sat-30/09/1999 biex tigi inkluza l-*Input Tax* relattiva ghall-vettura minnu akkwistata fl-1999 ghandha tigi sommarjament michuda ghaliex ma taqax entro l-parametri specifici tal-Partita 4(1)(b) u 7(2) tat-Tnax-il Skeda ta' l-Att ta' l-1998 dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud kif donnu jippretendi l-Intimat.

Fir-rigward it-Tribunal jaghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **A.B. v. Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, Appell Nru. 13/06** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-14 ta' Marzu 2007, li kienet tittratta punt simili ghal dak in ezami, u cioè pretensjoni tat-*taxpayer* biex issir korrezzjoni fid-denunzji tieghu ghal perijodi ta' taxxa partikolari fir-rigward ta' *Input Tax* mhux dikjarat, liema talba giet kontestata mill-Kummissarju ghaliex ma kenitx taqa' entro l-parametri prefissi mill-Ligi fir-rigward ta' aggustamenti ta' denunzji.

Fil-kaz imsemmi kien il-Bord ta' l-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud li fid-decizjoni li ta fl-14 ta' Lulju 2006, ikkritika l-posizzjoni inflessibbli tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fir-rigward tal-possibiltà tat-*taxpayer* li jitlob aggustament fid-denunzja tieghu dwar *Output Tax* jew *Input Tax* dikjarati biz-zejjed jew bin-nieqes skond il-kaz meta dan l-aggustament ikun ta' iktar minn 5% ta' dak dikjarat fid-denunzja relattiva. Fid-decizjoni tieghu l-Bord ghamel is-segwenti osservazzjoni: *iz-zewg partijiet irriferew ghar-regolamenti 6 u 9 (2) u (3) ta' l-Avviz Legali Nru 102/94, izda fis-seduta tad-9 ta' Gunju, 2006 gie ccarat li l-aggustamenti permessi skond dawk ir-regolamenti ma jistghux jeccedu 5% ta' dak dikjarat fid-denunzja u ma jistghux isiru ghal xi perjodu ta' taxxa li jibda iktar tard minn sitt xhur wara l-eghluq tal-perjodu ta' taxxa li fih ikun sar l-izball. Il-Bord josserva li regolament 7 jippermetti aggustamenti li jeccedu 5% izda dawn iridu jkunu kawzati minn aggustamenti fil-valur jew kancellament ta' xi provvista. Prezumibilment, dawn ir-regolamenti huma ntizi biex jevitaw*

[13] Partita 4(2) tal-Hdax-il Skeda ta' l-Att ta' l-1998 dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud.

[14] L-Ghaxar Skeda ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta.

*korrispondenza bla bzonn bejn it-taxpayer u d-dipartiment f'kazi ta' zbalji zghar jew aggustamenti ovvji kawzati minn aggustamenti fil-valuri ta' provvisti. Artikolu 16 (4) tal-ligi wkoll jirregola x'ghandu jaghmel taxpayer li jkun mela hazin xi denunzja, izda dan is-subartikolu japplika biss f' kaz li taxpayer ikun iddikjara bin-nieqes xi output tax jew iddikjara biz-zejjed it-tnaqqis f' denunzja. It-taxpayer ghandu (l-obbligu li) jgharraf lill-Kummissarju permezz t'avviz. Jigifieri, dan is-subartikolu jhares biss l-interessi tal-Kummissarju, u huwa kompletament sieket dwar x'ghandu jsir jekk, ghall-kuntrarju, it-taxpayer ikun iddikjara output tax biz-zejjed jew input tax bin-nieqes. Subartikolu (5) (b) u (c) ta' l-istess artikolu jawtorizza lill-Ministru li johrog regolamenti rigward aggustamenti ta' dikjarazzjonijiet u l-kontegg taghhom, imma l-unici regolamenti mahruga f' dan is-sens huma dawk pubblikati fl-Avviz Legali Nru 102/94. Mil-legislazzjoni li giet hekk ezaminata jirrizulta li m'hemm l-ebda provvediment li jispecifika jekk taxpayer ghandux dritt jew le li jircievi rifuzjoni t'input vat li ma kienx inkluda fid-denunzji tieghu. Il-Bord ihoss li huwa nuqqas fil-ligi ghax, kemm jista' jkun, decizjoni bhal din ghandha tkun regolata bil-ligi u mhux imhollija f'idejn il-Kummissarju jew Bord ta' l-Appelli. Fis-seduta tad-9 ta' Gunju, 2006 Dr Micallef staqsa jekk ammont maqbuz minn denunzja ikun izjed mill-5% msemmija fir-regolamenti, x'irid jaghmel it-taxpayer. Is-Sur Difesa wiegeb li dan ghandu jinforma bil-miktub lill-Kummissarju, izda dak il-punt ma kienx espress fil-ligi. Dr Micallef rega' ddiskuta dan il-punt fis-sottomissjoni tieghu tat-18 ta' Gunju, 2006 u argumenta li dik it-twegiba tas-Sur Difesa kienet ammissjoni li l-izball seta' allura jirranga ruhu; izda fir-risposta tieghu tat-28 ta' Gunju, 2006 s-Sur Difesa kiteb li hu kien "ried jaghmilha cara li wiehed dejjem seta' jikteb, izda (mhux fil-kazijiet simili) dan ma jfissirx li d-Dipartiment kien se jikkunsidra l-kaz ta' l-appellant, u hekk (kien) ghadu jsostni. Ghalhekk, ma kien hemm l-ebda ammissjoni mill-esponent (is-Sur Difesa) li ittri f'kazijiet simili jigu kkunsidrati". Il-Bord iqis li din ir-risposta ma ssolvi xejn ghax qed taghti l-impressjoni li taxpayer ghandu jikteb lill-Kummissarju minghajr speranza li l-kaz jigi kkunsidrat. Il-Bord ghalhekk itenni l-htiega ta' legislazzjoni li tirregola l-azzjoni li ghandha tittiehed fic-cirkostanza msemmija hawn fuq (kif ukoll f'kaz t'output vat imhallsa biz-zejjed). Galadarba provvediment legali ma jezistix f'dan is-sens, dan il-Bord irid jimxi purament fuq il-gudizzju tieghu. F'parti ohra ta' din is-sentenza, il-Bord ga esprima ruhu, u ta r-raguni, li, normalment, taxpayer m'ghandux jinghata rifuzjoni t'input vat imhollija barra mid-denunzji tieghu. Madankollu, il-Bord m'ghalaqx il-bieb ghal kollox ghax ihoss li jista' jkun hemm cirkostanzi li jimmeritaw li tinghata l-koncessjoni ta' rifuzjoni. Il-Bord jaghmel distinzjoni bejn input vat fuq Trading Stock u dik fuq xiri kapitali. Kif ga spjega l-Bord, taxpayer jista' ma jiddikjarax input vat fuq Trading Stock bi skop hazin (eccezzjoni ovvja tkun jekk taxpayer jinforma lill-Kummissarju bl-ommissjoni fi zmien qasir hafna immedjatament wara li jkun baghat id-denunzja), izda normalment m'hemmx skop li wiehed ma jiddikjarax input vat fuq infiq kapitali, meta dan mhux se jhallas output vat u jaqbillu juri z-zieda fl-"assets" kapitali fil-Balance Sheet u jiddebita d-"depreciation" fl-Accounts tieghu u l-"Income Tax Return". Fil-kaz ta' l-*

*appellant, is-Sur Cachia kkalkola li, mill-ammont kollu ta' LM41,613 ta' l-input vat maqbuza, Lm17,973 kien vat fuq infiq kapitali ta' Lm119,818, filwaqt li l-bilanc ta' Lm23,640 kien vat fuq Trading Stock. Konsistenti mal-hsibijiet tieghu espressi hawn fuq, il-Bord jiddeciedi li l-ammont ta' Lm23,640, li jirrelata ghal Trading Stock, m'ghandux jithallas lura lill-appellant. Rigward l-input tax fuq infiq kapitali, il-Bord, konsistenti ma' l-istess hsibijiet tieghu espressi hawn fuq, jiddeciedi li jikkoncedi li l-appellant jigi kreditat b'tali input vat, izda rigward l-ammont attwali li ghandu jigi kreditat, il-Bord ghandu certi rizervi kif se jinghad. ... Fl-ahharnett, il-Bord jirrakkomanda li l-Kummissarju jikkonsidra ghandhiex issir emenda fl-Att Nru XXIII/98 biex fil-futur tigi regolata x'azzjoni ghandha tittiehed f'kazi ta' dikjarazzjonijiet bin-nieqes t'input vat jew biz-zejjed t'output vat.*

F'dan il-kaz entrambe l-partijiet kontendenti appellaw mid-decizjoni tal-Bord u b'mod partikolari l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud appella minn dan l-aspett partikolari tad-decizjoni tal-Bord li naturalment incida fuq id-decizjoni finali moghtija mill-istess Bord. Il-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) assekondat u kkonfermat il-hsieb tal-Bord in bazi ghas-segwenti osservazzjonijiet: *salv ghall-kwestjoni tal-pregudizzjali ta' l-irritwalita` ta' l-appell principali sottomessa mill-appellat, u li l-ezami dwarha ser isir aktar 'il quddiem, din il-Qorti jidhrilha li f' dan l-istadju ghandha tillimita ruhha ghall-aspetti sostanzjali, u ferm interessanti, imqanqla bl-appell incidentali u, f' certu sens ukoll, b' dak principali in tema tal-jedd ghal kreditu ta' l-input vat. Ovvjament u qabel kull konsiderazzjoni ta' din l-istess tema, ghandhom jigu l-ewwelnett rikapitulati l-punt saljenti li johorgu mill-inkartament tal-kaz quddiem il-Bord ta' l-Appelli. Huwa fatt ammess mill-appellanti nnifsu fit-talba ta' l-appell tieghu quddiem il-Bord ghar-revizjoni ta' l-istimi illi l-accounting records tieghu ma kienux impekkabbli tant li huwa skopra li kien ghamel "underdeclarations of my input tax" wara li dan gie hekk rilevat lilu mill-awditjar tar-records tieghu kondott mid-Dipartiment. F' dan l-ezercizzju kien stabbilit li l-ammont ta' l-input vat mhux reklamat kien jittotalizza Lm41,613. Fir-rapport tieghu u nonostante l-accertament minnu tas-somma indikata, l-Awditur xorta wahda kien ta' l-opinjoni illi tali somma "should not be taken into account in the final tax understatement result". Ma' dan l-appellanti ma qabelx u nsista ghar-reklam tal-kreditu shih ta' input vat li hu kien naqas li jiddenunzja fir-returns tieghu. Dan premess, jidher li d-diverbju principali bejn il-kontendenti jirrigwarda l-interpretazzjoni, l-applikabilita` u l-portata ta' certi disposizzjonijiet fl-Att XII ta' l-1994 u r-Regolamenti tahtu. Tezisti forsi l-htiega li jigu fil-qosor kalendati dawn l-aspetti li johorgu mid-disposizzjonijiet varji tal-ligi fuq it-tema hawn investigata:- (1) In linea ta' principju l-Artikolu 25 ta' l-Att jintitola lil persuna registrata taht l-Att tirreklama kreditu ghal input tax fid-denunzji taghha. L-approvazzjoni ta' tali kreditu hi assoggettata ghal kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5 (2) ta' l-Avviz Legali 101/94, jigifieri bl-appogg ta' fattura ta' taxxa jew fid-dokumentazzjoni ta' l-importazzjoni; (2) L-istess persuna tista' meta jkun hekk il-kaz, titlob rettifika tad-denunzja meta tkun iddikjarat "<u>biz-zejjed it-tnaqqis</u>" mitlub minnha fl-istess denunzja*

*[Artikolu 14 (4) ta' l-Att]. Abbinat ma' dan insibu r-Regolament 6 (1) ta' l-Avviz Legali 102 ta' l-1994 li jikkontempla aggustament fid-denunzji meta l-kreditu ghall-input vat, biz-zejjed jew bin-nieqes ma jkunx ta' aktar minn hamsa fil-mija tal-kreditu ghal input tax dikjarat f' dik id-denunzja. Ma' dan hu mbaghad akkoppjat ir-Regolament 9 (2) ta' l-istess Avviz Legali li jipprovdi li talba ghall-aggustament ma tigix accettata jekk teccedi s-sitt xhur wara t-tmiem taz-zmien ta' taxxa relattiv; (3) B' mod generali, ghalkemm ta' rilevanza ghal vertenza, kemm l-Att principali (Artikolu 37), kif ukoll l-Avviz Legali 102 ta' l-1994 (Regolamenti 3 u 4) jistabilixxu x-xorta ta' dokumentazzjoni li ghandha tinzamm mit-taxpayer fit-twettiq ta' l-attività ekonomika tieghu ghal skop li tigi facilitata l-verifika bla diffikoltà tat-transazzjonijiet u konteggi maghmula minnu. Proprju fuq dan l-ahhar aspett, li hu wkoll wiehed mill-motivi ta' l-appell incidentali, jirrizulta anke mir-rapport ta' l-Awditur tal-Kummissarju illi l-appellanti ma zammx dokumentazzjoni ezatta u sufficjenti u dan minhabba s-sistema ta' accounting adoperata minnu. B' danakollu, irid jigi osservat ukoll illi dan in-nuqqas ma ipprekludiex lill-istess Awditur milli jirrikava mill-istess dokumentazzjoni l-ammont ta' input vat li l-appellant naqas li jirreklama jew li jikkontrolla l-provenjenza ta' dan l-istess ammont fuq il-bazi probatorja tad-dokumenti li jippreciza r-Regolament 5 (2) ta' l-Avviz Legali 101 ta' l-1994. Wiehed allura, ghandu ragonevolment jipprezumi illi tali dokumenti kienu in ordine u fil-limiti tar-Regolament imsemmi, avolja r-records l-ohra ta' l-appellant ma kienux mizmuma skond metodi ta' accounting kif suppost. Ipprecizat dan, il-Kummissarju jintroduci b' motiv iehor u bhala petizzjoni ta' principju illi l-Att XII ta' l-1994 ma jahsebx fl-Artikolu 16 (4) tieghu ghas-sitwazzjoni ta' talba ghall-korrezzjoni ta' denunzja u qabel il-hrug ta' l-istima dwarha meta dik tkun tikkontjeni "<u>bin-nieqes</u>" l-input vat. Huwa minnu, jissottometti l-istess Kummissarju, illi r-Regolament 6 ta' l-Avviz Legali 102/94 jitratta wkoll fuq is-sitwazzjoni "<u>bin-nieqes</u>" ghal fini ta' l-aggustament fl-input vat (u dan riferibilment ghal Value Added Tax Account biss). Xorta wahda, pero`, jissottometti illi jezisti l-iskoll li r-reklam maghmul tahtu ma jistax jeccedi l-hamsa fil-mija (5%) ta' input vat dikjarata fil-perijodu rilevanti. Jidher minn dan illi l-komplikazzjoni tal-vertenza de quo hi finalment distillata ghall-konsiderazzjoni taz-zewg kwestjonijiet bazici, hawn taht esposti. Jibda qabel xejn biex jigi registrat, bhala espressjoni ta' opinjoni, illi l-Qorti ma ssibx li d-disposizzjonijiet ta' l-Att in diskussjoni huma, mill-ottika tat-tematika ikkonsidrata, predisposti fl-interess tat-taxpayer u ghat-tutela shiha tad-drittijiet fiskali tieghu. Dan qed jigi rilevat in kwantu anke minn dak sottomess mill-Kummissarju l-fattispeci ma jirrizultax li hu sew dixxiplinat fl-Att principali. Tinsorgi hawn bhala l-ewwel kwestjoni l-konsiderazzjoni jekk il-lakuna hijiex korreggibbli biss fuq il-pjan ta' l-ius condendum jew setax il-Bord jikkolma din l-istess lakuna bir-rikorrenza ghall-anologija jew ghal dik l-individwazzjoni u interpretazzjoni, anke minn disposizzjonijiet ohra, ta' dawk l-elementi li jidhru l-aktar decizivi ghall-iskop tal-valutazzjoni guridika tieghu. Kif taraha din il-Qorti ghalkemm hu veru li l-Artikolu 16 (4) ta' l-Att ma jinkludix fih referenza espressa ghall-input vat bin-nieqes,*

*jitnissel, imbaghad, mir-Regolament 6 ta' l-Avviz Legali 102/04, u salv il-limitazzjoni li jaghmel, intergrazzjoni tal-punt hawn insort fl-ordinament fiskali ikkontemplat. Dan in raguni ghar-riflessjoni illi dan ir-Regolament, in referenza ghall-Artikolu 16 citat, jestendi t-tiswija ta' zbalji fl-input tax bin-nieqes. Dan maghdud, tqum hawn it-tieni kwestjoni. L-appellanti jponi l-mistoqsija quddiem il-Bord dwar kif ghandha tigi regolata l-materja fejn jirrizulta li l-input vat mhux reklamat jeccedi l-percentwali ta' hamsa fil-mija tal-kreditu ghal input tax iddenunzjat, kif hekk jidher li hu l-kaz in ispecje. Bl-invokazzjoni minnu ghall-principju generali tal-gustizzja jghaddi imbaghad biex iressaq il-pretensjoni li dik il-qaghda tieghu kellha tigi guridikament ittrattata u definita anke fid-difett jew nuqqas tan-norma limitratrici tar-Regolament 6 (1) (b) ta' l-Avviz Legali, ampjament riferit. Jidher li l-Bord accetta din il-proposizzjoni ta' l-appellant u ghadda ghal pronunzjament fuq il-mertu tal-kwesjtoni, anke jekk sostitutiva sija tal-pretensjoni shiha ta' l-appellanti, sija ta' l-opposizzjoni tal-Kummissarju, li dwarha, fil-verità, jkollu jinghad li ma tantx kienet wisq lumeggjanti fit-twegiba moghtija mir-rapprezentant tieghu ghal kwezit imqanqal. Fil-fehma konsiderata taghha, din il-Qorti ma tarax ghaliex ghandha ticcensura lill-Bord li, fil-kumpless tac-cirkostanzi pervenuti, adotta dik l-interpretazzjoni li kienet tidher l-aktar kongenjali u gustifikata ghall-formazzjoni tal-gudizzju tieghu. Bil-kontra ta' dak ritenut mill-Kummissarju bl-appell incidentali tieghu, il-Qorti tahseb li, dan, il-Bord seta' jaghmlu fil-parametri ta' dawk il-poteri estensivi lilu konferiti bl-Artikolu 3 tas-Sitt Skeda ta' l-Att. Is-sottomissjoni tal-Kummissarju, kieku kellha tigi milqugha, iggib fix-xejn il-possibilità li tista' qatt tigi wzata mill-Bord id-diskrezzjoni tieghu. Lanqas ma ghandu jigi assunt, imbaghad, illi l-uzu ta' dak il-gudizzju diskrezzjonali jwassal, b' deduzzjoni, illi l-Bord qed jissostitwixxi ruhu ghal legislatur. Huwa veru li l-ewwel regola ta' interpretazzjoni hi dik tad-determinazzjoni tal-volontà tal-legislatur kif inkorporata fit-test tal-ligi. Daqstant iehor ghandu jkun ikkonsentit illi l-kriterju ta' dan ir-riferiment ghall-iskop persegwit hu mistenni li jikkoincidi mal-kriterju objettiv li jqis ukoll dawk il-principji etici-guridici fir-ricerka tat-tifsiriet possibbli tal-fattispeci u tal-prosegwiment ta' dak li l-Qrati fl-imghoddi kienu jsejhu "la giustizia del dato caso". Gja din il-Qorti kellha okkazjoni tikkummenta hekk f' kaz fejn, ukoll kienu tressqu mill-Kummissarju obbjezzonijiet konsimili:- "Irid jinghad in tezi generali illi ghall-interpretazzjoni genwina tal-ligi wiehed irid ihares ghall-kumpless tal-fini persegwit mit-totalità tal-ligi u mhux sempliciment mid-determinazzjoni tat-tifsira precettiva kontenuta fis-singoli disposizzjonijiet. In konkret, jokkorri li jigu individwati l-elementi guridikament rilevanti li jridu jigu applikati fil-fattispeci, skond il-konnotazzjonijiet specifici taghhom. Mhux accettabbli, ghallanqas ghal din il-Qorti, illi tigi adoperata strategija argumentattiva mprontata ghat-tezi tal-karattru dikjarattiv u nflessibbli tal-ligi, fis-sens li din ma tipprovdi ebda rimedju fil-fattispeci. L-ebda Qorti, fid-dehen taghha, ma tista' tammetti b' mod legger l-ezistenza ta' lakuni imma ghandha tirricerka l-integrazzjoni taghhom permezz ta' interpretazzjoni ampja ghall-evitar ta' negazzjoni tal-gustizzja." - "Voyagair Limited -vs- Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur*

*Mizjud", 18 ta' Ottubru 2006. In vista tal-premess din il-Qorti jidhrilha li ghandha tirrespingi l-ilmenti incidentalment sollevati mill-Kummissarju fir-risposta ta' l-appell tieghu.*

Ghal kull buon fini t-Tribunal josserva li ghalkemm il-Ligi u regolamenti trattati fis-sentenza appena citata huma l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ta' l-1994 u l-Avviz Legali 102 ta' l-1994, dak hemm osservat japplika bl-istess mod u fl-istess grad ta' importanza ghall-kaz in ezami u ghal dak provdut fl-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ta' l-1998, inkluz il-provvedimenti tat-Tnax-il Skeda ta' l-istess Att, kif applikabbli fiz-zmien rilevanti ghal dawn il-proceduri. Dana jinghad ghar-raguni li minn ezami ta' disposizzjonijiet ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ta' l-1994 u ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ta' l-1998 jirrizulta li t-tnaqqis ta' *Input Tax* fic-cirkostanzi kongruwi kien rikonoxxut taht entrambe l-Ligijiet u minn ezami tad-disposizzjonijiet ta' l-Avviz Legali 102 ta' l-1994, senjatament ir-Regolament 6(1) u r-Regolament 9(2) u tad-disposizzjonijiet tal-Partita 4(1) u tal-Partita 7(2) tat-Tnax-il Skeda ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ta' l-1998, li lkoll jittrattaw dwar aggustament fid-denunzji fir-rigward ta' *Output Tax* u/jew *Input Tax* dikjarati biz-zejjed jew bin-nieqes, jirrizulta b'mod car li id-disposizzjonijiet huma identici.

B'hekk fid-dawl ta' dak osservat kemm mill-Bord ta' l-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fid-decizjonijiet "A.B. v. Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud" rispettivament moghtija fl-14 ta' Lulju 2006 u fl-14 ta' Marzu 2007, it-Tribunal hu tal-fehma li l-Intimat ma mexiex b'mod korrett u gust fil-konfront tar-Rikorrent meta sommarjament cahad it-talba tieghu ghall-korrezzjoni tad-denunzja ghall-perijodu ta' taxxa 01/01/1999 sat-30/09/1999 ghaliex dik it-talba ma taqax entro l-parametri tal-Partita 4(1) u 7(2) tat-Tnax-il Skeda ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ta' l-1998.

Ghal kull buon fini w a skans ta' ekwivoci inutili jigi osservat li t-terminu ta' sitt xhur kontemplat fil-Partita 7(2) tat-Tnax-il Skeda ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ta' l-1998 ma japplikax ghall-kaz in ezami ghaliex kif jirrizulta mill-istess provvediment dak it-terminu ta' sitt xhur huwa intrinsikament marbut ma' talba ghall-aggustament maghmula a tenur tal-Partita 4 jew 5 ta' l-istess imsemmija Skeda.

Ghaldaqstant it-Tribunal iqis li l-Intimat ghandu jikkonsidra t-talba tar-Rikorrent ghall-aggustament tad-denunzja ghall-perijodu ta' taxxa 01/01/1999 sat-30/09/1999 sabiex tizdied l-*Input Tax* relattiva ghal vettura minnu akkwistata fis-sena 1999 u fuq parametri li ma humiex dawk prefissi fil-Partita 4(1) u fil-Partita 7(2) tat-Tnax-il Skeda ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ta' l-1998, jaghti decizjoni fir-rigward. It-Tribunal hu tal-fehma li tali decizjoni ma tistax tittiehed direttament Minnu ghar-raguni li f'dawn il-proceduri ma tressqux provi dwar fatti li fil-fehma Tieghu huma necessarji biex it-talba tar-Rikorrent tigi debitament ikkunsidrata u determinata.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha sollevati mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, inkluza ghalhekk l-eccezzjoni ta' l-irritwalità u nullità tal-proceduri odjerni, jilqa' in parte t-talba tar-Rikorrent u jiddikjara li l-provvedimenti tal-Partita 4(1) u tal-Partita 7(2) tat-Tnax-il Skeda ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ta' l-1998 ma japplikawx ghall-kaz in ezami u senjatament ghat-talba tar-Rikorrent ghall-aggustament tad-denunzja ghall-perijodu ta' taxxa 01/01/1999 sat-30/09/1999, u jordna li il-Kummissarju tat-Taxxi, già Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, jikkonsidra t-talba ta' l-istess Rikorrent ghall-aggustament ta' l-imsemmija denunzja sabiex tizdied l-*Input Tax* relattiva ghal vettura minnu akkwistata fis-sena 1999 fuq parametri li ma humiex dawk prefissi fil-Partita 4(1) u fil-Partita 7(2) tat-Tnax-il Skeda ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ta' l-1998, u jaghti decizjoni fir-rigward.

Fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz l-ispejjez relattivi ghal dawn il-proceduri ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet kontendenti, fis-sens illi kull parti ghandha tbaghti l-ispejjez taghha.

Ai termini ta' l-Artikolu 5(3) tad-Disa' Skeda tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta jordna li kopja ta' din id-decizjoni tigi notifikata lill-partijiet kontendenti.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**